Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,866, 21 ta' Lulju, 1981
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XXV ta' l-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi, Kap. 157.

ACT No. XXV of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Electoral (Franchise, Method of Election and Registration of Voters) Ordinance, Cap. 157.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) ANTON BUTTIGIEG
President

20 ta' Lulju, 1981

ATT Nru. XXV ta' l-1981

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi, Kap. 157.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 15 tal-liġi prinċipali.

2. Minflok is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 15 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Il-listi fir-reġistru elettorali għandhom, f'kull sezzjoni, ikunu fl-ordni alfabetiku tal-kunjomijiet ta' l-eletturi taħt l-isem ta' kull triq.

(5) Il-post fejn joqgħod kull min ikun irreġistrat bħala elettur, kif ukoll dawk il-partikolaritajiet l-oħra li r-Reġistratur Elettorali jidhirlu meħtieġa għall-finijiet ta' l-identifikazzjoni ta' l-elettur, għandhom jitniżżlu ma' ġemb ismu:

Iżda żball f'xi wieħed minn dawk il-partikolaritajiet imniżżla fih innifsu ma jtellifx il-jedd ta' dik il-persuna biex tivvota.".

Emenda ta' l-artikolu 16 tal-liġi prinċipali.

3. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 16 tal-liġi prinċipali l-kliem "u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, għall-finijiet ta' l-artikolu 30 ta' l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni (Kapitlu 163)" għandhom jitħassaru.

4. Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 33 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat biż-żieda tal-proviso li ġej fit-tarf tiegħu: Emenda ta' l-artikolu 33 tal-liġi prinċipali.

"Iżda fis-sena 1981, it-tieni reġistru elettorali rivedut għandu jiġi maħruġ fix-xahar ta' Settembru, u għandu jkun fih il-korrezzjonijiet, iż-żidiet, it-trasferimenti u t-taħsiriet kollha li jkun hemm fil-wieħed u tletin ta' Awissu ta' dik is-sena.".

5. Minflok l-artikolu 33A tal-liġi prinċipali għandu jidħol l-artikolu ġdid li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 33A tal-liġi prinċipali.

"Żidiet, korrezzjonijiet u trasferimenti.

33A. (1) Ir-Reġistratur Elettorali, jista', sew jekk tkun saret applikazzjoni taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 ta' din l-Ordinanza sew jekk le —

(a) idaħħal fir-reġistru lil kull persuna li fil-fehma tiegħu jkollha jedd tagħmel applikazzjoni kif intqal qabel; u

(b) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jagħmel kull korrezzjoni fl-isem, indirizz jew partikolaritajiet oħra kif jidher fir-reġistru elettorali jew jittrasferixxi isem xi persuna għal distrett ieħor jekk ikun sodisfatt illi dik il-korrezzjoni jew dak it-trasferiment ikun ġustifikat.

(2) Ir-Reġistratur Elettorali m'għandu jagħmel ebda korrezzjoni jew trasferiment taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jekk qabel ma jkunx avża bil-miktub lill-persuna li għaliha tirriferi l-korrezzjoni jew it-trasferiment; u dik il-persuna tista', fi żmien sebat ijiem min-notifika ta' dak l-avviż, tappella mid-deċiżjoni tar-Reġistratur Elettorali lil Uffiċjal Reviżur, li, wara li jisma' lill-appellant, u dawk il-provi, jekk ikun hemm, li jkunu meħtiġa, għandu joħroġ ordni li jilqa' jew li ma jilqax l-appell.".

6. Minflok it-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali għandha tidħol l-Iskeda li ġejja: Sostituzzjoni tat-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

"IT-TIENI SKEDA

Artikoli 22 (1) u 33

APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI BĦALA ELETTUR

Lir-Reġistratur Elettorali, il-Belt Valletta, Malta.

Kunjom .....

Isem .....

Nru. tal-Karta ta' l-Identità

Post tat-twelid .....

Data tat-twelid .....

Post ta' residenza ordinarja:—

Isem il-belt jew raħal .....

Triq u numru tal-post .....

.....

.....

.....

Isem u kunjom ta' missier l-applikant .....

Post tat-twelid tiegħu .....

Nazzjonalità * .....

* (Jekk missier l-applikant ikun mejjet, agħti n-nazzjonalità tiegħu fiż-żmien tal-mewt tiegħu)

Jiena hawnhekk napplika biex inkun reġistrat bħala elettur għal ..... (1) distrett elettorali skond l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi; biex inkun reġistrat bħala elettur għall-elezzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

Data ....

Firma jew marka ta' l-applikant

(1) Daħħal n-numru tad-distrett elettorali.

GĦALL-UŻU UFFIĊJALI BISS

Rimarki

		Nru. P.R. .....
		Vtd. .....
		Chd. .....".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 523 tat-13 ta' Lulju, 1981.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati